MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Numru. 62/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Carmelo Sultana**

Kaz Numru: 62/2012

Illum 30 ta’ Ottubru, 2012

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta’ **Carmelo Sultana** ta’ sitta u sebghin (76) sena, iben il-mejtin Giuseppe u Concetta nee’ Gatt, mwieled ix-Xaghra, Ghawdex nhar l-1 ta’ April 1936 u residenti fil-fond numru 6, Triq Ghejun, Xaghra, Ghawdex, detentur ta’ karta tal-identita’ bin-numru 29336(G), li gie akkuzat talli f’dawn il-

Gzejjer nhar is-27 ta' Lulju 2012, f' xi hin bejn is-7:00p.m. u s-7:30p.m. waqt li kien qieghed gewwa ir-residenza li jgib in-numru 6, u li jinsab fi Triq il-Ghejun, Xaghra, Ghawdex u f'dawn il-Gzejjer:

1. ikkaguna biza' lil Concetta Sultana, li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta taghha;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hedded bil-fomm u b'mezzi ohra lill-istess Concetta Sultana b'delitt, fejn flimkien ma' dan it-theddid kien hemm ordni jew kondizzjoni;

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ikkaguna griehi ta' natura hfief fuq il-persuna ta' Concetta Sultana;

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija tipprovdi ghal garanzija ta' Concetta Sultana skond Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, fis-seduta tal-lum, lill-parti leza Concetta Sultana tiddikjara li kienet qed tirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli u li kienet qed taghzel li ma tixhidx f'dawn il-proceduri. Semghetha wkoll tghid li kienet qed tahfer lill-imputat ghal dak li ghamel.

Rat li l-Prosekuzzjoni u l-parte civile ma kellhomx aktar provi xi jressqu.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma ressaq l-ebda provi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fir-rigward tal-<u>ewwel</u> u tat-<u>tieni</u> imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat minnhom u fir-rigward tat-<u>tielet</u> imputazzjoni, tiddikjara l-procediment ezawriet fil-konfront taghha stante rinunzja.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex jigi applikat Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti, in segwitu ta’ dak dikjarat mill-parte civile fis-seduta tallum, ma tarax il-htiega li dan l-artikolu jigi applikat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------